MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2315/2002

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Bullet Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm974.95) u fejn intqal:**

**Illi fit-8 ta' Marzu 1996 l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/328/96/ENMU/NENF, kopja annessa mal-avviz**

**markata bhala Dok.IJS1, f'isem Carl Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta; u**
**Illi l-istess Awtorita` attrici in forza tal-poteri fdati lilha permezz tal-Att numru I tal-1992, kif sussegwentement emendat permezz tal-Att numru XXI tal-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, jitwettqu, stante li l-istess Carl Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ma kienx ottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istesss Avviz;**
**Illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita` dahlet fi spejjez li jammontaw ghal disa' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm974.95), u dan kif jidher mill-annessa Invoice no.1717 datata 29 ta' Novembru, 2000 markata bhala Dok.IJS2; u**
**Illi l-istess socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti;**
**Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:**
**1. Jikkundannaha thallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' disa' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM 974.95) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-Awtorita` attrici fl-14 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm974.95) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Frar, 2004.**

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------